**MALTA**
**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta tal--24 ta' Settembru 2019**

**AIL Limited (C-11156)**

**Vs**

**Anthony Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' President u Trevor Vella fil-kapaċita tiegħu ta' Segretarju tal-Kumitat "Mellieħa Fireworks"**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenuti għas-somma ta' disat elef, erba' mija tnejn u tletin Ewro u tmenin ċentezmu (EUR 9,432.80) in linea ta' danni kkaġunati mill-kumitat tal-"Mellieħa Fireworks", rappreżentat mill-konvenuti u sborsati mis-soċjeta' attriċi in segwitu għal inċident li seħħ fit-8 ta' Settembru 2016 ġewwa l-Mellieħa, meta filwaqt li s-soċjeta' attriċi kellha l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JPY 001, lilha appartenenti, ipparkjata, ġarrbet diversi ħsarat bħala konsegwenza ta' residwu u fdalijiet tal-logħob tan-nar li għalihom il-kumitat tal-"Mellieħa Fireworks" kien unikament responsabbli.

Wara li rat in-nota ta' mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwieġbu għaliha bil-ġurament u b' hekk il-kreditu jiġi ppruvat ai termini tal-artikoli 698(2) u 702 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi għalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 meta ġew ippreżentati l-kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra.

**Deċide**

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda taqta' din il-kawża billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-intimati Anthony Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' President u Trevor Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' segretarju tal-kumitat 'Mellieħa Fireworks' iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disat elef, erba' mija, tnejn u tletin Ewro u tmenin ċenteżmu (EUR 9,432.80) bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal--ittra uffiċjali ppreżentata fis-16 ta' Mejju 2017 sad-data tal-ħlas effettiv. Fl-eventwalita' li tali ittra uffiċjali ma kinitx notifikata, l-imgħax legali għandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviż odjern sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż kollha ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati mill-intimati Anthony Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' President u Trevor Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' segretarju tal-kumitat 'Mellieħa Fireworks' inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju 2017.

Maġistrat Simone Grech